# Skejjel primarji jiċċelebraw is-suċċess fil-ħidma biex iqarrbu lit-tfal lejn in-natura

## Fil-Palazz Presidenzjali tal-Belt Valletta ssir iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet tal-programm Dinja Waħda għall-Primarja 2017-18

Total ta’ 91 skola primarja mifruxin madwar Malta u Għawdex illum iċċelebraw il-kisbiet eċċezzjonali li għamlu fil-ħidma biex iqarrbu lit-tfal lejn in-natura permezz tal-programm Dinja Waħda ta’ BirdLife Malta fl-iskejjel.

Wara s-suċċess tal-Awards tas-Sekondarja li tqassmu ftit ġimgħat ilu, il-kisbiet tal-iskejjel primarji tul l-aħħar sena skolastika kienu rikonoxxuti waqt iċ-ċerimonja tat-tqassim tal-premjijiet tal-programm Dinja Waħda 2017-18 għall-Primarja li saret dalgħodu fil-Palazz Presidenzjali tal-Belt Valletta taħt l-awspiċji tal-President ta’ Malta l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca li ninsabu kburin li nħabbru li minn din is-sena saret il-patruna tal-programm Dinja Waħda ta’ BirdLife Malta.

60 skola rċivew il-Gold Award, żewġ skejjel ingħataw is-Silver Award, tmien skejjel ġew ippremjati bil-Bronze Award u 21 skola ngħataw iċ-Ċertifikat. 38 skola żammew il-Blue Banner wara li rebħu l-Gold Award u sitt skejjel oħra ngħataw għall-ewwel darba l-Blue Banner, wara li rebħu l-Gold Award għal tliet snin konsekuttivi.

L-*awards* tqassmu lill-iskejjel mill-President Coleiro Preca li kienet akkumpanjata mill-Kap Eżekuttiv ta’ BirdLife Malta Mark Sultana, l-Education Manager ta’ BirdLife Malta Sarah Brady u minn Charles Azzopardi, Executive PR & Marketing tal-Bank of Valletta. Preżenti fil-Belt Valletta kien hemm rappreżentanti tal-iskejjel kollha li pparteċipaw fosthom studenti, għalliema u kapijiet ta’ skejjel flimkien ma’ uffiċjali edukattivi oħrajn.

F’diskors tal-okkażjoni, il-President Coleiro Preca faħħret il-programm Dinja Waħda u t-tim għall-kontribut tagħhom favur l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tal-Ġnus Magħquda u s-17-il Mira għall-Iżvilupp Sostenibbli, b’mod partikolari il-Miri 14 u 15 li jittrattaw il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani u l-ibħra, u l-protezzjoni, ir-restawr u l-promozzjoni tal-art rispettivament.

Minbarra li ċċelebrat is-suċċess tal-involviment tal-iskejjel tul l-aħħar sena skolastika, iċ-ċerimonja tal-lum immarkat ukoll il-bidu ta' sena ġdida (2018-19) għal dan il-programm.

L-inizjattiva Dinja Waħda ta' BirdLife Malta tifforma parti mill-impenn tal-NGO li tħares in-natura u l-ħabitati permezz ta' attivitajiet barra mill-klassi għat-tfal tal-iskejjel kemm fil-grawnds tal-iskola stess kif ukoll bi żjarat edukattivi fir-riservi naturali biex tgħinhom jirrelataw aktar man-natura. Dan il-programm jitmexxa b'kollaborazzjoni mad-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni u għandu l-appoġġ tal-Bank of Valletta. Il-programm ilu għaddej aktar minn 20 sena.

Mument importanti fiċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet li saret illum kien il-preżentazzjoni tal-proġett tal-Erasmus+ immexxi minn BirdLife Malta One World Learning (OWL) li se jkun qed jgħin lill-programm Dinja Waħda biex jevolvi fil-futur. Permezz ta' dan il-programm ġdid ta' edukazzjoni ambjentali, li jiġbor fih sitt imsieħba internazzjonali, se nkunu qed nagħmlu riċerka dwar kemm it-tfal Maltin jirrelataw man-natura u naqsmu r-riżultati tagħha mal-iskejjel biex dawn jiġu aġġornati dwar il-mod kif se jkun qed jiżviluppa l-programm Dinja Waħda. Ir-riżultati tal-istħarriġ se jiġu maqsumin ukoll mal-istati membri kollha tal-Unjoni Ewropea permezz tal-familja tal-BirdLife International.

BirdLife Malta tixtieq twassal l-awgurju tagħha lill-iskejjel kollha li pparteċipaw għall-ħidma qawwija li wettqu tul din is-sena, waqt li tixtieq trodd ħajr b'mod speċjali lill-koordinaturi tal-programm Dinja Waħda li jaraw li l-programm jitħaddem fl-iskejjel u jassistu lill-għalliema b'mod volontarju. Mingħajrhom, it-tfal ma jkunux jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet, l-għerf u l-valuri biex iħarsu l-ambjent, liema ħiliet jakkwistawhom bis-saħħa tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm Dinja Waħda.

Nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lill-Bank of Valletta tal-appoġġ kontinwu bħala s-sieħeb edukattiv tal-programm u lill-Uffiċċju tal-President ta' Malta talli offra li jospita din iċ-ċerimonja importanti għall-ewwel darba fil-Palazz Presidenzjali.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**
- Il-programm Dinja Waħda ta' BirdLife Malta għall-Primarja
- Iċ-ċerimonja tal-Awards tas-Sekondarja li saret ftit tal-ġimgħat ilu
- Il-proġett One World Learning (OWL) ta' BirdLife Malta

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-mtrpuZQaLC**
- Għażla ta' ritratti miċ-ċerimonja tal-premjazzjoni tal-programm Dinja Waħda għall-Primarja li saret dalgħodu. *Ritratti ta' Kinga Kupska u Eleni Karatzia.*